MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 237/2003

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Stefania Sammut**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm234.69c (mitejn u erbgha u tletin lira Maltin u disgha u sittin centezmu) rapprezentanti hlas ghall-servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenuta in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru: 99479146.

Il-konvenuta interpellata sabiex thallas diversi drabi baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba u bl-interessi kontra l-konvenuta mid-data meta l-ammont

pretiz fl-Avviz tat-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------